# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Marzu, 2024.**

**Numru 3**
**Rikors kostituzzjonali numru 165/2021/1 AF**

**Mark Micallef**
***v.***
**Avukat tal-Istat**

1. Dan huwa appell tal-Avukat tal-Istat minn sentenza mogħtija fil-11 ta' Jannar 2023 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li sabet ksur tal-drittijiet fondamentali tal-attur imħarsin taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-"Kostituzzjoni"] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Europea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni Europea"] u bħala rimedju kkundannat lill-Avukat tal-Istat sabiex iħallas lill-attur kumpens ta' ħamsa u tletin elf ħames mija u tnejn u erbgħin euro (€35,542) b'kollox. L-appell tal-Avukat

tal-Istat jolqot is-sejbien ta' ksur u l-kumpens likwidat mill-ewwel qorti bħala danni patrimonjali[1].

2. Il-fatti relevanti ġew imfissra hekk minn l-ewwel qorti:

> »… permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob dikjarazzjoni li ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif imħares taħt l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni minħabba dewmien irraġonevoli fil-proċeduri ċitazz. nru 1360/02 fl-ismijiet Ġiljan Agius *vs* Mark Micallef liema proċeduri inbdew b'ċitazzjoni tad-19 ta' Novembru 2002 u ntemmew definittivament b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2020. Huwa jgħid illi dan id-dewmien ikkaġunalu dannu finanzjarju mhux biss għaliex finalment kellu jħallas is-somma ta' €50,315.04 f'imgħax iżda wkoll għaliex l-attur f'dawk il-proċeduri kien talab u kiseb il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru fil-konfront tal-konvenut, liema mandat dam fis-seħħ għat-tul kollu li damu għaddejjin il-proċeduri. Jgħid għalhekk illi dan il-fatt impedih milli jiġbed flusu mill-bank għaliex kull sold li kien jidħol fil-kontijiet tiegħu kien jinqabad awtomatikament bil-mandat. Indirettament il-mandat ħalla wkoll impatt fuq il-kwalità tal-ħajja tal-attur. Oltre għal dikjarazzjoni dwar leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, l-attur qiegħed jitlob ukoll il-likwidazzjoni tad-danni.«

3. Għalhekk l-attur talab illi l-qorti:

> »1. tiddikjara u tiddeċiedi li d-drittijiet tar-rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonjevoli, hekk kif protett mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni europea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ġew vjolati bid-dewmien tal-kawża ċivili fil-konfront tiegħu li damet minn 19 ta' Novembru 2002 sas-6 ta' Ottubru 2020;
>
> »2. tillikwida ammont ta' danni pekunarji u non-pekunarji sofferti mir-rikorrenti kawża tal-leżjoni tad-dritt għas-smigħ xieraq; u
>
> »3. tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas is-somma hekk likwidata lil esponenti. Bl-ispejjeż kontra l-intimat.
>
> »... ... ...«

4. L-Avukat tal-Istat ressaq dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

> »... ... ...
>
> »3. ... meta kawża tkun ilha pendenti għas-sentenza quddiem qorti partikolari għal tmintax-il xahar jew aktar, l-artikolu 195(5)(*b*) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jippermetti lil kwalunkwe parti fil-kawża sabiex

[1] L-appell jolqot biss il-likwidazzjoni tal-kumpens għad-danni patrimonjali u mhux ukoll dawk non-patrimonjali ta' elfejn euro (€2,000).

permezz ta' rikors jitolbu lill-Prim Imħallef sabiex jassenja l-kawża lil ġudikant ieħor;

»... ... ...

»6. bla ħsara għall-premess, anke jekk għall-ġieh tal-argument biss, din il-qorti ssib li kien hemm dewmien mhux raġjonevoli, jaqa' fuq ir-rikorrenti li juri li tassew ġarrab ħsara minħabba dan l-allegat dewmien;

»... ... ...«

5. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»1. tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha kif dedotti.

»2. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-attur ġarrab ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif imħares taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni europea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

»3. tilqa' t-tieni talba u tillikwida danni fis-somma komplessiva ta' ħamsa u tletin elf ħames mija u tnejn u erbgħin euro (€35,542) in kwantu għal tlieta u tletin elf ħames mija u tnejn u erbgħin euro (€33,542) rappreżentanti danni pekunjarji u in kwantu għal elfejn euro (€2,000) rappreżentanti danni non-pekunjarji;

»4. Tordna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas is-somma likwidata.

»... ... ...«

6. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha, safejn relevanti għall-appell, u ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»... ... ...

»Il-kawża bin-numru 1306/02, intavolata b'ċitazzjoni tad-19 ta' Novembru 2002, kienet titratta talba dwar ħlas tas-somma ta' Lm15,000 liema somma kienet dovuta *ai termini* ta' skrittura privata tal-25 ta' Jannar 2002 dwar ħlas ta' sena kera ... ... ... Din il-kawża saret *ai termini* tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Mill-atti allegati jirriżulta illi l-qorti appuntat il-kawża għas-smigħ għas-6 ta' Diċembru 2002, biss kemm l-ewwel u kif ukoll it-tieni seduta tħallew għan-notifika tal-konvenut. *Stante* l-fatt illi l-konvenut kellu xi eċċezzjonijiet xi jressaq, il-qorti ħalliet is-seduta tal-20 ta' Marzu 2003 għall-preżentata tan-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Il-ħames seduti li segwew saru u fihom il-partijiet ressqu l-provi tagħhom. Fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2004 il-konvenut iddikjara li ma kellux aktar provi xi jressaq. Fis-seduta sussegwenti l-partijiet ma dehrux. Fis-seduta tal-25 t'Ottubru 2005 il-partijiet kollha ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu. Fis-seduta tad-9 ta' Frar 2006, waqt illi l-attur u d-difensur tiegħu ma dehrux, id-difensur tal-konvenut talab li jingħata aktar żmien sabiex jippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu. Fis-seduta tal-20 t'April 2006 il-Qorti ddifferiet il-kawża għas-sentenza.

»Mill-inkartament proċesswali jirriżulta illi ngħataw xejn anqas minn 23 differiment għas-sentenza. Intant, b'ordni tal-Prim'Imħallef tat-19 ta' Settembru 2014, il-kawża ġiet riassenjata. Għalkemm ingħataw tliet differimenti, l-ewwel qorti tat is-sentenza tagħha fit-12 ta' Jannar 2015.

»Il-konvenut appella b'rikors tat-22 ta' Jannar 2015; biss il-Qorti tal-Appell appuntat l-appell għas-smigħ għat-2 ta' Diċembru 2019 liema seduta ġiet differita għaliex ma kinitx għadha tħallset il-kawtela. L-avukat tal-appellat talab illi s-seduta tad-9 ta' Marzu 2020 tiġi differita liema differiment ma kienx oppost mill-appellant. Fl-1 ta' Ġunju 2020 ġiet preżentata nota ta' astensjoni minn wieħed mill-imħallfin sedenti u għalhekk l-appell ġie differit għas-surroga. Il-Qorti tal-Appell tat is-sentenza tagħha fis-6 ta' Ottubru 2020.

»Fix-xhieda tiegħu l-attur spjega illi konsegwenza tad-dewmien, li fil-fehma tiegħu kien wieħed irraġonevoli, huwa kellu jħallas is-somma ta' €50,315.04 f'imgħax legali fuq l-ammont li kien ikkundannat iħallas. Jgħid illi li kieku s-sentenza ingħatat fi żmien raġonevoli l-ammont li kien ikun kostrett iħallas *qua* interessi kien ikun ferm anqas.

»L-attur kompla jixhed illi konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru fil-konfront tiegħu, liema mandat baqa' *in vigore* għat-tul kollu tal-proċeduri, huwa sofra finanzjarjament billi, apparti li ma setax jagħmel dak illi xtaq bi flusu għaliex kull introjtu inqabad bil-mandat, lanqas ma seta' jissellef sabiex jixtri proprjetà għaliex bil-mandat *in vigore* ebda bank ma ried jikkonċedilu self. L-attur ippreżenta wkoll prospett dettaljat li juri x'ġara f'kull stadju tal-proċeduri inkluż id-differimenti li ngħataw fil-kors tal-proċeduri.

»L-azzjoni attriċi hija impernjata fuq id-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli. ... ... ...

»... ... ...

»Riferibbilment għall-każ tal-lum, jirriżulta illi l-kawża bin-numru 1306/02 ma jidhirx li kienet tippreżenta xi kumplessità jew komplikazzjoni. Fil-fatt, il-każ kien pjuttost wieħed sempliċi fin-natura tiegħu: każ dwar kundanna għall-ħlas ta' kera skont kif pattwit bejn il-partijiet. L-inkartament proċesswali li ġie allegat ma' dan il-proċess juri li la kien hemm xi volum ta' xhieda x'jinstema' jew x'jiġi eżaminat mill-qorti, la kien hemm xi punti fini ta' dritt x'jiġu studjati u lanqas ma jirriżultaw diffikultajiet tekniċi. Madanakollu jirriżulta illi bejn iż-żmien meta nfetħu l-proċeduri u meta ngħatat sentenza definittiva għaddew, kif jippreċiża l-Avukat tal-Istat fin-nota tiegħu, sbatax-il sena, ħames xhur u tmint ijiem. Waqt illi l-fattur tat-tul taż-żmien ċertament illi ma jistax jiġi injorat, dan il-fattur waħdu mhux biżżejjed sabiex jingħad il d-dewmien kien wieħed irraġjonevoli.

»Mill-banda l-oħra, meta l-qorti tqis li bejn l-20 ta' April 2006 u t-18 ta' Settembru 2014 u *cioè* fuq medda ta' 8 snin ingħataw xejn anqas minn 23 differiment għas-sentenza, meta tqis ukoll is-sempliċità tal-każ u li d-dewmien bl-ebda mod ma jista' jiġi attribwit għal xi ħtija tal-partijiet involuti f'dawn il-proċeduri, id-dewmien jirriżulta li kien wieħed irraġonevoli. *Inoltre*, aktar dewimien inħoloq meta s-sentenza tal-ewwel qorti ġiet appellata u l-appell dam xejn anqas minn ħames snin sabiex ġie appuntat għas-smigħ. Dan id-dewmien issarraf fi ksur tad-dritt fundamentali tal-attur għal smigħ xieraq fi zmien ragonevoli.

»L-attur qiegħed jippretendi kumpens għall-vjolazzjoni mġarrba. L-ilment prinċipali tiegħu huwa fis-sens li gie kkundannat ammont konsiderevoli f'interessi li akkumulaw sforz id-dewmien li ħadu l-proċeduri. Il-qorti tqis illi dan l-ilment għandu mis-sewwa għaliex naturalment, li kieku l-proċeduri ntemmew f'inqas żmien, l-ammont t'imgħax legali li l-attur kien ikun kostrett iħallas kien ser ikun ferm inqas. Il-qorti tqis illi b'sens ta' ġustizzja mal-attur, tenut kont tal-fatt li l-attur ma jġorr ebda ħtija għad-dewmien, huwa għandu jirċievi kumpens perkunjarju għal-leżjoni minnu mġarrba. F'dan il-każ, l-attur weħel l-imgħax għal proċeduri li damu għaddejjin għal kważi sbatax-il sena u nofs. Mill-provi rriżulta li kien hemm dewmien irraġonevoli partikolarment fuq medda ta' tmien snin li matulhom il-qorti kif dakinhar preseduta tat-23 differiment għas-sentenza kif ukoll ħames snin oħra sakemm l-appell ġie appuntat għas-smigħ. Dan ifisser li madwar zewġ terzi taż-żmien li matulu damu għaddejjin il-proċeduri iddekorra inutilment. Għalhekk, il-qorti tqis illi l-attur għandu jieħu f'kumpens pekunjarju ekwivalenti għal żewġ terzi tal-ammont li huwa ħallas f'imgħaxijiet, u *cioè* s-somma ta' €33,542, kif ukoll kumpens non-pekunjarju fis-somma ta' €2,000.«

7. L-Avukat tal-Istat appella b'rikors tat-23 ta' Jannar 2023 li l-attur wieġeb għalih fit-12 ta' Mejju 2023.

8. Peress li ż-żewġ aggravji li ressaq l-Avukat tal-Istat huma marbutin ma' xulxin, din il-qorti sejra tqishom flimkien. L-ewwel aggravju jolqot dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tiegħu. Dan l-aggravju ġie mfisser hekk:

»L-Ewwel Aggravju – Kuntrarjament għal dak li ddeċidiet l-ewwel qorti, l-appellant isostni li ma kellhiex tiġi miċħuda t-tielet eċċezzjoni tiegħu għaliex *ai termini* tal-artikolu 195(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-appellat seta' permezz ta' rikors jitlob lill-Prim Imħallef sabiex jassenja l-kawża lil ġudikant ieħor.

»L-ewwel aggravju huwa dwar iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni marbuta mal-artikolu 195(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

»... ... ...

»*In vista* tal-artikolu premess, ir-rikorrent kellu rimedju adegwat fejn seta' għamel rikors sabiex jitlob lil Prim Imħallef sabiex jassenja l-kawża lil ġudikant ieħor għaliex il-kawża kienet ilha pendenti għas-sentenza quddiem l-ewwel qorti għal aktar minn tmintax-il xahar. Ir-rikorrent kien konsapevoli b'dan ir-rimedju iżda huwa għażel li ma jużahx u injora r-rimedju li tipprovdilu l-liġi. Meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni dan, ma jistax jingħad li r-rikorrent ma kkontribwiex għad-dewmien f'dan il-każ. Dan ir-rimedju għandu wkoll jġorr piż fid-determinazzjoni tal-likwidazzjoni tal-kumpens u dan anki ħa jiġi trattat fit-tieni aggravju aktar 'il quddiem f'dan l-appell (ara is-sentenza fl-

ismijiet Melissa Buttigieg *v.* L-Avukat tal-Istat deċiża fit-2 ta' Novembru 2022 bir-referenza nru 574/21 NC).

»F'dan ir-rigward qiegħda issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Raymond Farrugia *et v.* L-Avukat Ġenerali *et* mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Mejju 2016 fejn ġie ritenut is-segwenti:

> »"57. Għalhekk, minkejja l-ilment tar-rikorrenti dwar il-fatt jibqa' li huma kellhom l-opportunita' li wara sena u nofs illi l-kawża kienet ilha differita għas-sentenza, jittantaw ir-rimedju kontemplat mil-liġi proċedurali tagħna. Iżda huma naqsu milli jagħmlu dan, u allura kienet korretta l-ewwel qorti meta, filwaqt li ma ddeklinatx milli tippronunzja ruħha fuq it-talba in kwistjoni, ħadet dan il-fatt in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-kumpens xieraq."

»F'dan is-sens għalhekk is-sentenza tal-ewwel qorti għandha tiġi mibdula.«

9. It-tieni aggravju tal-Avukat tal-Istat jolqot il-*quantum* ta' kumpens likwidat mill-ewwel qorti bħala danni patrimonjali, u ġie mfisser hekk:

»It-Tieni Aggravju: Il-kumpens mogħti mill-ewwel qorti huwa wieħed eċċessiv

»L-ewwel qorti ħasset li l-kumpens li għandu jiġi mħallas lir-rikorrent, illum appellat, għandu jkun dak tas-somma ta' €33,542 bħala danni pekunjarji u €2,000 bħala danni morali. L-aggravju tal-esponent huwa ċar u manifest u jirrigwarda l-parti tas-sentenza fejn l-ewwel qorti llikwidat kumpens fl-ammont ta' €33,542 bħala danni pekunjarji. Il-qorti qieset li r-rikorrent għandu jiġi kumpensat ⅔ mis-somma tal-imgħax legali ta' €50,215.04. Għalhekk l-esponent jagħmilha ċara li huwa mhux qed jappella minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel qorti llikwidat kumpens ta' €2,000 bħala danni morali.

»L-esponent jinsab perpless u huwa ferm inkonċepibbli kif, minħabba kawża ċivili bejn żewġ partijiet privati, l-istat spiċċa ġie ordnat iħallas is-somma komplessiva ta' €35,542 minħabba dewmien f'dawk il-proċeduri;

»Bħala punt ta' tluq ikun idoneju li jiġi sottolineat li l-appellat kien il-parti telliefa fil-proċeduri fejn qiegħed jiġi allegat dewmien irraġonevoli u għaldaqstant ma jistax jippretendi li huwa ma kellux jiġi ordnat iħallas l-ammont dovut minnu u / jew l-imgħax legali. Għalhekk huwa bl-ebda mod ma seta' jippretendi rifużjoni lura tal-imgħax legali li kien dovut iħallas minħabba d-dewmien. L-appellat kien konsapevoli li kiser l-obbligi tiegħu skont l-iskrittura li ġiet iffirmata bejnu u bejn Giljan Agius. Fiż-żgur, kienet għażla tiegħu li mbagħad jappella, meta kien jaf li kien hu stess li kiser l-obbligi tiegħu emanenti mill-iskrittura datata 25 ta' Jannar 2022 u kien hemm l-imgħax legali qiegħed jiddekorri. Fil-fatt huwa qajjem aggravju fl-appell tiegħu li ġie ppreżentat fil-kawża 1306/2002 fejn saħaq li huwa kellu jiġi meħlus mill-obbligu li jħallas l-imgħax tul iż-żmien tal-kawża. Sewwasew il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha datata 6 ta' Ottubru 2020 qalet is-segwenti:

> »"Din il-qorti tqis illi la darba l-appellant ma kellu ebda raġuni valida fil-liġi biex jeħles mill-obbligazzjoni tal-ħlas tal-kera, hu xekkel lill-attur appellat mit-tgawdija leġittima ta' flusu sa mill-

> 2002. Mhux konvint mis-sentenza tal-ewwel qorti, l-appellant ressaq dan l-appell u ma jistax għalhekk jeħles mill-obbligu li jħallas mhux biss is-*sorte* iżda l-imgħax li ddekorra, liema pretensjoni kien jaf biha sa mindu bdiet il-kawża. La darba għażel ir-riskju tal-kontestazzjoni jrid issa ibati l-konsegwenzi. It-tul tal-kawża kien irrelevanti f'dawn iċ-ċirkostanzi."

»Magħdud ma' dan, *lex vigilantibus spectat*. Il-liġi tħares lejn l-interessi ta' dawk li joqgħodu attenti mal-liġi (ara f'dan is-sens is-sentenza *Steward Malta Management Limited v.* Il-Kummissarju tat-Taxxi deċiża fit-28 ta' Ottubru 2022 bir-ref. nru 1207/21). Fid-dawl ta' din il-massima, f'dan il-każ kien l-appellat li naqas milli jaderixxi mal-obbligi tiegħu imposti fl-iskrittura ta' bejnu u bejn Giljan Agius u għalhekk ma setax jippretendi li huwa ma jeħilx l-imgħax legali jew jippretendi li għandu jiġi rifuż l-imgħax legali minħabba d-dewmien.

»Lil hemm minn dan, l-esponent ma jistax jaqbel mal-ewwel qorti kif waslet għal konklużjoni tal-likwidazzjoni tal-kumpens. L-ewwel qorti illikwidat il-kumpens billi ħadet ⅔ tat-total tal-imgħax legali li allegatament ġie imħallas fil-kawża bin-numru 1306/2002. Huwa veru li l-qrati muniti b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali jistgħu jagħtu kull rimedju li jidhrilhom xieraq; madanakollu r-rimedju fil-forma tal-kumpens li ngħata mill-ewwel qorti mhuwiex rimedju ġustifikat. Kumpens pekunarju li jingħataw f'dawn il-proċeduri m'għandhomx ikunu ekwivalenti għal danni ċivili *ai termini* tal-artikolu 1301 *et* tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk il-kumpens ma kellux ikun marbut mat-telf tal-imgħax legali iżda kellu ikun marbut mad-dikjarazzjoni ta' lezzjoni ta' dritt fundamentali. Barra minn hekk, it-talba tar-rikorrent *qua* appellat, fir-rikors promotur tiegħu, qatt ma kienet sabiex jieħu kumpens li jirrifletti l-imgħax legali li ġie mħallas. Għaldaqstant, l-esponent bl-ebda mod ma jista' jifhem kif fil-każ odjern l-appellat ingħata s-somma konsiderevoli ta' €33,542 minħabba telf ta' imgħax, liema ammont ma ġiex mitlub fit-talbiet u lanqas ippruvat.

»Barra minn hekk, u *in vista* tal-ewwel aggravju mressaq f'dan l-appell, ir-rikorrent *qua* appellat kellu rimedju *ai termini* tal-artikolu 195(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex inaqqas mid-dewmien iżda huwa għażel li ma jagħmilx użu minn dan. Fil-kontro-eżami tiegħu, l-appellat ikkonferma li hu kien jaf b'dan ir-rimedju iżda għal xi raġuni jew oħra dan ir-rimedju injorah. L-appellat seta' wkoll jagħmel talba sabiex l-appell jiġi appuntat qabel iż-żmien, iżda lanqas din ma saret. Għalhekk l-ewwel qorti ma kinitx korretta meta tefgħet ir-responsabbilità kollha tad-dewmien fuq l-istat jew fuq il-qrati għaliex ir-rikorrent ikkontribwixxa għal dan meta naqas milli jagħmel użu mir-rimedji li kellu. Ir-rikorrent qatt ma wera xi urġenza u qatt ma lmenta dwar ir-ritmu li bih kienet għaddejja l-kawża u saħansitra qatt ma għamel użu mir-rimedji li tipprovdilu l-liġi.

»Pjena referenza qiegħda ssir għas-sentenza fl-ismijiet Michael Debarro u Monica Debarro *v.* L-Avukat tal-Istat deċiża minn din il-qorti fis-27 ta' Ottubru 2021 fejn simili ħafna għal każ odjern l-ewwel qorti kienet illikwidata kumpens ta' €42,144 li €39,114 minnhom kienu kkonsidrati bħala danni materjali li jikkonsistu f'imgħax bir-rata ta' 8% minħabba dewmien f'kawża ċivili. Il-Qorti Kosituzzjonali qablet li dak l-ammont kien wieħed eċċessiv u għalhekk naqset id-danni pekunjarji għall-ammont ta' €15,000.

»Terġa u tgħid ... il-kawża preżenti kienet waħda ta' natura ċivili u mhux kriminali u għalhekk il-kumpens għandu jkun ħafna inqas minn dak likwidat mill-ewwel qorti. Fis-sentenza fl-ismijiet <u>Avukat Cedric Mifsud f'isem assenti Yuri Sergeevich Danilov *v.* L-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat</u> deċiża minn din il-qorti fid-9 ta' Ġunju 2022 ġie meqjus li dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet kien biżżejjed bħala rimedju għad-dewmien.

»Fid-dawl ta' dan kollu, dan l-aggravju tal-appellant jimmerita li jiġi milqugħ ukoll u l-kumpens pekunjarju għandu jitnaqqas.«

10. L-attur wieġeb hekk:

»Fl-ewwel aggravju – l-Avukat tal-Istat jissottometti li l-ewwel qorti ma kellhiex tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-istess Avukat tal-Istat. Fit-tielet eċċezzjoni l-Avukat tal-Istat kien issottometta li r-rikorrent kellu jippresenta rikors fejn jitlob li l-kawża tiġi assenjata lil ġudikant ieħor.

».... .... ...

»Mhux minnu li r-rikorrent ikkontribwixxa għad-dewmien f'dan il-każ. Il-kawża kienet ibbażata fuq il-kredibilità tax-xhieda u r-rikorrent ried li l-imħallef li sema' x-xhieda kollha jkompli biex jagħti s-sentenza. F'kull differiment l-appellat kien qed jistenna li jingħata s-sentenza. L-appellat qatt ma immaġina li kien se ikun hemm dan id-dewmien straordinarju mingħajr raġuni.

»Huwa għal kollox raġjonevoli li l-appellat ħaseb, f'kull differiment, li se jingħata sentenza. L-attur kellu fiduċia fil-qorti. Għalhekk l-appellat ma kellu ebda dover li jippresenta r-rikors kif jissottometti l-Avukat tal-Istat.

»Ċertament, fil-perjodu ta' ħames snin bejn ir-rikors tal-appell u l-appuntament tal-appell, l-attur ma setax jagħmel rikors biex ibiddel l-imħallef.

»… … …

»Jirriżulta li l-appellat ma kien bl-ebda mod risponsabbli għad-dewmien; kien id-dover tal-qorti li tieħu ħsieb "tixpruna l-proċeduri".

»Fit-tieni aggravju l-Avukat tal-Istat jgħid li l-kumpens mogħti mill-ewwel qorti huwa wieħed eċċessiv. L-Avukat tal-Istat jargumenta li għaliex l-appellat kien il-parti telliefa ma jistax jippretendi li huwa ma "kellux jiġi ordnat iħallas l-ammont dovut minnu u / jew l-imgħax legali". L-appellat jikkontesta dan. Bħala fatt jirrisulta li bejn iż-żmien meta nfetħu l-proċeduri u meta ngħatat sentenza definittiva għaddew 17-il sena, ħames xhur u tmint ijiem; jirrisulta li bejn l-20 ta' April 2006 u t-18 ta' Settembru 2014 u *cioè* fuq medda ta' 8 snin ingħata xejn anqas minn 23 differiment għas-sentenza; jirrisulta, kif qalet l-ewwel qorti, li "d-dewmien bl-ebda mod ma jista jiġi attribwit għal xi ħtija tal-partijiet". L-ewwel qorti kompliet:

> »"L-ilment prinċipali tiegħu huwa fis-sens li ġie kkundannat ammont konsiderevoli f'interessi li akkumulaw sforz id-dewmien li ħadu l-proċeduri. Il-qorti tqis illi dan l-ilment għandu mis-sewwa għaliex naturalment, li kieku l-proċeduri ntemmew f'inqas żmien, l-ammont ta' mgħax li l-attur kien ikun kostrett iħallas kien ser ikun ferm inqas."

»Ma hemmx dubju li kien assolutament minħabba d-dewmien straordinarju tal-qorti li fl-aħħar l-attur kellu iħallas dan l-imgħax kollu li fil-fatt ammonta għas-somma ta' €50,315.

»L-esponent jissottometti bir-rispett li din il-Qorti tal-Appell ma tistax jinjora l-fatt li, kif qalet l-ewwel qorti, "madwar żewġ terzi taż-żmien li matulu damu għaddejjin il-proċedura iddekora inutilment ... Kien hemm 23 differiment għas-sentenza kif ukoll ħames snin oħra sakemm l-appell ġie appuntat għas-smigħ".

»Issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Europea Richard Anderson *v.* United Kingdom deċiża fid-9 ta' Frar 2010:

> »"As the Court has frequently stated, the state remains responsible for the efficiency of its system... If a State allows proceedings to continue beyond the "reasonable time" prescribed by article 6 of the Convention without doing anything to advance them, it will be responsible for the resultant delay (Bhandari *v.* United Kingdom nº 42341/04 ... 2nd October 2007).

»Ma hemmx dubju li l-istat ħalla li l-proċeduri ikomplu "*beyond a reasonable time*".

»Ma hemm xejn eċċessiv fil-kumpens akkordat mill-ewwel qorti. Dan il-kumpens ġie akkordat wara li l-qorti kkonsidrat id-danni li sofra l-esponenti minħabba dan id-dewmien. Ir-rimedju huwa ġustifikat u l-qorti hija munita b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali biex tagħti kull rimedju xieraq.

»L-argument li l-appellat kellu tort biex jikkontesta l-kawża ma jagħmilx sens; l-appellat spiċċa f'posizzjoni li kellu jħallas ammont enormi ta' mgħax minħabba dewmien bla bżonn. Ma kellux iħallas għaliex kien hemm deċiżjoni kontra tiegħu; kellu iħallas dak l-ammont enormi għaliex kien hemm perjodu bejn l-20 ta' April 2006 u t-18 ta' Settembru 2014 u *cioè* fuq medda ta' 8 snin fejn ingħata xejn anqas minn 23 differiment għas-sentenza u kien hemm perjodu ta' ħames snin għal appuntament tal-appell. Huwa l-istat li huwa risponsabbli għal effiċjenza tas-sistema. L-istat naqas li jipprovdi sistema fejn ingħata sentenza fi żmien raġjonevoli.

»Għal dawn ir-raġunijiet kollha l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-appellant.«

11. Il-kawża fl-ismijiet Ġiljan Agius *v.* Mark Micallef, li nqatgħet kontra l-attur tal-lum (konvenut f'dik il-kawża) li kellu jħallas l-imgħaxijiet li dwarhom saret il-kawża tal-lum, infetħet fid-19 ta' Novembru 2002. L-attur f'dik il-kawża (Ġiljan Agius) talab fost ħwejjeġ oħra dikjarazzjoni illi l-attur tal-lum (Mark Micallef) għandu jagħtih ħmistax-il elf Lira ta' Malta (Lm15,000) – daqs erbgħa u tletin elf, disa' mija u wieħed u erbgħin euro (€34,941) – li kien intrabat li jħallas b'kitba privata tal-25 ta' Jannar 2002.

12. Sal-25 ta' Ottubru 2005, ftit anqas minn dwar tliet snin wara li nfetħet il-kawża, il-partijiet kienu għalqu l-provi kollha tagħhom. Saru noti ta' sotto-missjonijiet u l-ewwel qorti ddifferiet il-kawża għas-sentenza għall-ewwel darba għall-24 ta' Novembru 2006. Il-kawża iżda baqgħet tiġi differita għas-sentenza sitta u għoxrin darba sakemm fl-aħħar is-sentenza ngħatat fit-12 ta' Jannar 2015.

13. Dik is-sentenza ikkundannat lill-attur tal-lum, Mark Micallef, sabiex iħallas lil Ġiljan Agius erbgħa u tletin elf, disa' mija u wieħed u erbgħin euro (€34,941) flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż. Micallef appella b'rikors tat-22 ta' Jannar 2015 u Agius wieġeb fit-13 ta' Frar 2015. L-appell tqiegħed għas-smigħ fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2019. B'sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020 il-Qorti tal-Appell, wara li sabet illi "l-ftehim [inkorporat fil-kitba tal-25 ta' Jannar 2002] kien wieħed ċar mill-qari litterali tieghu stess mingħajr il-bzonn ta' ebda interpretazzjoni tal-intenzjoni tal-partijiet" ċaħdet l-appell u ikkonfermat is-sentenza appellata.

14. Ngħaddu issa għall-appell tal-lum.

15. L-ewwel aggravju jgħid illi l-attur ma nqediex bir-rimedju li jagħtih l-art. 195(5)(*b*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li kien daħal fis-seħħ fil-11 ta' Novembru 2008[2]:

> »Meta kawża tkun ilha pendenti għas-sentenza quddiem qorti partikolari għal tmintax-il xahar jew aktar, kull parti fil-każ tista', personalment, u mingħajr il-ħtieġa li tkun rappreżentata minn xi avukat, tagħmel rikors (liema rikors, madankollu, ma jkunx jifforma parti mill-atti tal-kawża) lill-Prim Imħallef għal dan il-għan, u l-Prim Imħallef jista', għas-sempliċi raġuni li s-sentenza damet daqshekk biex tingħata, jilqa' t-talba biex il-membru tal-ġudikatura li jippresjedi f'dik il-

[2] A.L. 304/2008

> qorti jinbidel u biex il-każ għas-sentenza jiġi assenjat lil membru ieħor tal-ġudikatura; id-deċiżjoni tal-Prim Imħallef li tittieħed in camera, tkun finali u konkluživa; u fejn isir assenjament bħal dan ma jkunx hemm bżonn ta' notifika dwar dak l-assenjament.«

16. Huwa minnu illi, għalkemm ma saret ebda talba mill-partijiet taħt l-art. 195(5)(*b*), eventwalment il-kawża ġiet assenjata lil imħallef ieħor u, wara l-ewwel seduta quddiem l-imħallef il-ġdid fit-23 ta' Ottubru 2014 il-kawża nqatgħet fl-ewwel grad anqas minn tliet xhur wara, fit-12 ta' Jannar 2015. Huwa minnu wkoll għalhekk illi, li kieku saret it-talba wara li daħal fis-seħħ l-art. 195(5)(*b*) fil-11 ta' Novembru 2008, x'aktarx illi l-kawża kienet tinqata' ħafna qabel.

17. Min-naħa l-oħra ma huwiex għalkollox bla meritu l-argument tal-attur illi kien aktar xieraq illi s-sentenza tinqata' mill-istess imħallef li kien sema' x-xhieda flok minn wieħed li jew ikollu jismagħhom mill-ġdid (u għalhekk il-kawża tkompli titwal) jew li jkollu joqgħod fuq it-traskrizzjonijiet tax-xhieda, għalkemm verament dan l-argument jiddgħajjef aktar ma jgħaddu s-snin, għax l-imħallef li jkun sema' x-xhieda snin qabel x'aktarx ukoll ikollu joqgħod fuq it-traskrizzjonijiet u mhux joqgħod fuq il-memorja dwar kif ġab ruħu x-xhud biex jara safejn jista' jemmen jew ma jemminx ix-xhieda tiegħu.

18. Dan l-argument tal-attur ukoll ikollu anqas saħħa f'kawżi bħal dik maqtugħa kontra l-attur tal-lum fejn il-Qorti tal-Appell fis-sentenza osservat illi l-kwistjoni bejn il-partijiet kienet tistrieh fuq "ftehim … ċar mill-qari litterali tieghu stess mingħajr il-bzonn ta' ebda interpretazzjoni tal-intenzjoni tal-partijiet" fejn għalhekk il-qorti aktar kellha toqgħod fuq dokumenti milli fuq dak li jixhdu l-partijiet u x-xhieda tagħhom.

19. Madankollu, għalkemm il-partijiet setgħu għamlu aktar biex il-kawża, għall-inqas fl-ewwel grad, ma ddumx daqskemm damet biex tinqata', il-fatt illi l-attur naqas milli jagħmel dak li l-liġi tagħtih is-setgħa li jagħmel ma jeliminax għalkollox il-ksur tal-jedd għal smigħ fi żmien raġonevoli. Dan il-fatt jista' jkollu relevanza għal-likwidazzjoni tal-kumpens iżda mhux għas-sejbien ta' ksur għax jibqa' fuq il-qorti d-dmir li tmexxi l-kawżi b'mod li jinqatgħu wara smigħ xieraq fi żmien raġonevoli[3]. Ma jistax jingħad illi f'kawża, li ma kinitx ta' diffikoltà aktar min-normal, li damet aktar minn tmien snin tistenna sentenza fl-ewwel grad u aktar minn erba' snin biex jibda jinstema' appell, tħares dan id-dritt tal-attur.

20. Il-qorti għalhekk sejra tqis dan l-aggravju biss għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tal-kumpens.

21. Ngħaddu issa għat-tieni aggravju li jolqot il-*quantum* ta' kumpens likwidat mill-ewwel qorti bħala danni patrimonjali.

22. Huwa minnu illi sakemm inqatgħet finalment il-kawża l-flus fil-kontijiet bankarji tal-attur baqgħu maqbuda b'mandat u għalhekk ma setax jiġbidhom jew jinqeda bihom. Huwa minnu wkoll iżda illi ma nġibtx prova li l-flus ġew żbankati, u għalhekk il-qorti tifhem li baqgħu depożitati f'kontijiet li jagħtu mgħax. Dan l-imgħax baqa' jakkumula fil-kontijiet tal-attur li għalhekk baqa' jgawdi l-effett ta' flus li, fis-sewwa, ma kellhomx jibqgħu tiegħu iżda tal-kreditur tiegħu. Jekk issa l-attur jingħata l-imgħax li kellu jħallas lill-kreditur tiegħu wara s-sentenza jiġi li jkun ħa hu l-benefiċċju tal-

---

3 Ara *e.g.* Iris Cassar *v.* Avukat Ġenerali, Kost. 27 ta' Marzu 2015; Zakkarija Calleja *v.* Avukat Ġenerali, Kost. 15 ta' Diċembru 2015.

imgħaxijiet li nġabru fid-depożiti bankarji sakemm dawn baqgħu sekwestrati.

23. Tassew illi l-imgħaxijiet li jingħataw fuq kontijiet bankarji għamlu żmien ikunu ferm anqas mill-imgħaxijiet legali, u għalhekk l-attur xorta ġarrab xi telf, iżda l-kumpens likwidat mill-ewwel qorti, li ma qieset xejn l-imgħaxijiet li għaddew favur l-attur sakemm il-flus kienu sekwestrati, huwa wisq.

24. Huwa minnu wkoll illi l-attur ħa benefiċċju ieħor bid-dewmien, li l-ewwel qorti wkoll ma qisitux: minħabba l-effett tal-inflazzjoni, il-flus li ħallas l-attur għas-*sorte* fl-2020 jiswew anqas minn kemm kien jiswa l-istess ammont fl-2002. Maħduma fuq l-indiċi tal-inflazzjoni ippubblikat taħt l-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar [Kap. 158][4], is-somma ta' erbgħa u tletin elf, disa' mija u wieħed u erbgħin euro (€34,941) li ħallas l-attur bħala *sorte* fl-2020 kienet tiswa biss ħamsa u għoxrin elf, tliet mija u tlieta u sebgħin euro (€25,373) fi flus tal-2002.

25. Meta tqis dan kollu, u tqis ukoll dak li ngħad dwar l-ewwel aggravju, u wkoll il-fatt illi l-eżitu tal-kawża li tilef l-attur kien x'aktarx prevedibbli, b'mod li litigant *in bona fide* ma kienx sejjer jikkontesta, sal-grad ta' appell[5], kawża bħal dik li saret kontra l-attur, din il-qorti taqbel mal-konvenut appellant illi l-kumpens għad-danni patrimonjali għandu jkun ferm anqas.

---

[4] 2002: 638.54; 2020: 879.32

[5] Il-Qorti tal-Appell fil-fatt qieset wieħed mill-aggravji tal-appell imressqa mill-attur fil-kawża li saret kontrieh bħala fieragħ.

26. Il-qorti għalhekk sejra l-ewwel tnaqqas il-kumpens likwidat mill-ewwel qorti b'sehem minn erbgħa (¼) għar-raġunijiet imsemmija fl-ewwel aggravju, li jħalli bilanċ ta' madwar ħamsa u għoxrin elf, mija u ħamsin euro (€25,150)[6]. Imbagħad sejra tnaqqas dan il-bilanċ bi proporzjon maż-żieda fl-inflazzjoni bejn l-2002 u l-2020, li jħalli bilanċ ta' madwar tmintax-il elf, mitejn u sittin euro (€18,260)[7]. Meta tnaqqas imbagħad l-imgħaxijiet li nġabru fuq il-flus sekwestrati b'rata medja ta' tnejn fil-mija fis-sena (2% *p.a.*) fit-tmintax-il sena li damet għaddejja l-kawża jifdal bilanċ ta' madwar €5,680[8] bħala danni patrimonjali. Meta tqis ukoll illi dan kien każ ta' dewmien f'kawża ċivili li, għalkemm mhux xieraq, huwa anqas gravi minn dewmien f'kawża kriminali[9], din il-qorti hija tal-fehma li kumpens ta' erbat elef euro (€4,000) bħala danni patrimonjali, flimkien mal-kumpens ta' elfejn euro (€2,000) – li minnu ma sarx appell – għal danni non-patrimonjali, huwa tajjeb u biżżejjed fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

27. F'dan is-sens għalhekk it-tieni aggravju sejjer jintlaqa'.

28. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn illikwidat kumpens ta' tlieta u tletin elf ħames mija u tnejn u erbgħin euro (€33,542) bħala danni patrimonjali u, minflok, tillikwida l-kumpens għal danni patrimonjali fis-somma ta' erbat elef euro (€4,000). Tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

---

6 €33,542.00 ÷ 4 = €8,385.50; €35,542 - €8,385.50 = €25,156.50

7 €25,150 ÷ 879.32 × 638.54 = €18,263.50

8 €34,941 × 2% = €698.82; €698,82 × 18 = €12,578,76; €18,260 - €12,578,76 = €5,681,24

9 Ara, fost oħrajn, <u>Alfred Bugeja *v.* Avukat tal-Istat</u>, Kost. 30 ta' Novembru 2022; <u>H *v.* Franza,</u> Q.E.D.B. 24 ta' Ottubru 1989; <u>Katte Klitsche De La Grance *v.* l-Italja</u>, Q.E.D.B., 27 ta' Ottubru 1994; <u>Scordino *v.* l-Italja (nº 2),</u> Q.E.D.B. 29 ta' Marzu 2006.

29. L-ispejjeż tal-ewwel grad jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet; dawk tal-appell jinqasmu hekk: sehem minn erbgħa (¼) jħallsu l-konvenut appellant u t-tliet ishma l-oħra minn erbgħa (¾) jħallashom l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da